**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Jason Emanuel Bugeja**

**Kumpilazzjoni Numru 1196/2010**

**Illum 30 ta' Jannar, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jason Emanuel Bugeja ta' 22 sena, bin Leo u Margaret nee' Bartolo, imwieled l-Awstralja, nhar id-29 ta' Ottubru, 1988 u residenti gewwa 60, Castlereagh, Triq il-Fiera, Rabat, Malta, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 152302L:

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer is- 17 ta Ottubru 2010 ghal habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30a.m) fi Triq Wilga, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Matthew Camilleri.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi tlajja f'xi post pubbliku fil-waqt li zamm f'idejh jew fuq il-persuna tieghu xi kontenitur tal-hgieg.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Matthew Camilleri jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Fl-artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 3 u 7 tal-Bye Laws Dwar Xorb f'Kontenituri tal-Hgieg u l-Konsum tal-Alkohol f'Postijiet Pubblici (Kunsill Lokali San Giljan)
4. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li l-kaz thalla ghas-sentenza.

Kunsiderazzjonijiet

Illi dan il-kaz jitratta allegat incident li sehh fis-17 ta' Ottubru 2010. Ic-citazzjoni giet prezentata fir-registru tal-Qorti nhar it-12 ta' Novembru 2010.

L-akkuza inqrat bil-gurament u sar l-ezami tal-imputat nhar is-16 ta' Frar 2011. Minn qari tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat jirrizulta li kien jehtieg li jinghata d-digriet tal-*prima facie* billi l-ewwel imputazzjoni tezorbita l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati. Dakinhar ma kienx inghata d-digriet tal-prima facie izda l-kawza giet differita ghal gurnata ohra f'liema gurnata x-xhieda mharrka ma dehrux u ma sar xejn. Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011 il-Qorti nnutat li ma kienx inzamm it-terminu ghall-eghluq tal-kumpilazzjoni u li ghalhekk l-atti kienu monki u baghtet l-atti lill-Avukat Generali. L-Avukat Generali baghat in-nota tar-rinviju fejn fiha ntalab lill-Qorti sabiex a tenur tal-artikolu 432(2) tal-Kodici Kriminali l-Qorti tibda mil-gdid il-kumpilazzjoni.

Fid-19 ta' Ottubru, 2011 l-ufficjal prosekutur rega' qara l-akkuza bil-gurament u sar l-ezami mil-gdid tal-imputat izda ma nghatax id-digriet tal-prima facie ghalkemm l-atti intbaghtu lill-Avukat Generali. Minn dakinhar il-kawza hadet il-kors taghha ossija nstemghu x-xhieda, il-process intbaghat fuq medda ta' snin lill-Avukat Generali u sahansita ntbaghtet in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja. L-artikoli mibghuta inqraw fl-24 ta' Novembru 2014 u l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Din il-kawza giet differita ghas-sentenza izda din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2016 issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ssollevat il-fatt li f'din il-kawza qatt ma nghata d-digriet tal-prima facie u talbet lill-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar dan il-punt billi jrid jigi trattat fis-sentenza.

Illi ai termini tal-artikolu 390 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-procedura li ghandha tigi segwita mill-Qorti Struttorja hija li *tisma' r-rapport bil-gurament tal-ufficjali tal-Pulizija, tezamina, bla gurament, lill-imputat, u tisma' l-provi li jingiebu biex isahhu r-rapport.*

Illi l-artikolu 401 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mbaghad jipprovdi li *l-kumpilazzjoni ghandha tinghalaq fi zmien xahar* u li *meta tinghalaq il-Qorti ghandha tiddecidi jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitpogga taht att ta' akkuza*. L-atti tal-kumpilazzjoni mbaghad ghandhom jintbaghtu ghand l-Avukat Generali *fi zmien tlett ijiem tax-xoghol.*

F'dan l-istadju din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Glenn Debattista et**[1]

*"Illi l-importanza ad validatem tad-degriet prima facie u anke tal-ezami tal-imputati fir-rigward tal-atti tal-kumpilazzjoni jirrizulta minn dak predispost fl-artikolu 597 tal-Kapitolu 9. Din id-dispozizzjoni tipprospetta l-possibilita li att ta' akkuza jigi attakkat meta jkun hemm difett li jkun jikkonsisti fin-nuqqas tar-rapport tal-pulizija, fin-nuqqas tal-ezami tal-imputat, jew fin-nuqqas tad-decizjoni li l-imputat ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza.*

*Illi eccezzjonijiet bazati fuq din id-dispozizzjoni tal-Ligi huma sollevabbli ex officio fil-fatt hekk ghamlet il-Qorti Kriminali fil-kawza Republika ta' Malta vs Saviour Azzopardi et*[2]*.*

*Illi permezz tas-sentenza mghotija f'din il-kawza l-Qorti Kriminali kkonkludiet li d-difetti elenkati fis-subartikolu 4 tal-artikolu 597, jekk pruvati, jgibu n-nullita tal-atti tal-kumpilazzjoni u kwindi tal-att ta' akkuza.*

*Illi ghandu jigi precizat li fil-kaz hawn fuq kwotat id-difett kien n-nuqqas tal-ezami ta'l-imputati (ossia in-nuqqas tal-firma tal-Magistrat fuq l-ezami tal-imputat li gie ekwiparat man-nuqqas ta'l-ezami stess). Fil-fehma tal-Qorti m'ghandux ikun hemm dubbju li l-istess principji ghandhom japplikaw ghal eccezzjonijiet bazati fuq id-difetti l-ohra elenkati fl-imsemmi artikolu 597(4) u ghalhekk anke n-nuqqas tad-dgriet prima facie jgib n-nullita tal-atti tal-kumpilazzjoni.*

*Illi fil-fatt permezz ta' sentenza ohra mghotija mill-Qorti Kriminali din id-darba fil-kawza Republika ta' Malta vs Noel Zarb*[3] *dik il-Qorti laqghet eccezzjoni tal-akkuzat u ordnat l-isfliz tat-tieni kap ta'l-akkuza minhabba nullita. F'dak il-kaz wara li kienet inqrat u giet mahlufa ic-citazzjoni u sar l-ezami tal-akkuzat/imputat mill-Qorti Struttorja saret korrezzjoni fic-citazzjoni billi zdiedet akkuza ohra fil-konfront tieghu. L-akkuzi ghalhekk inqraw mill-gdid u anke sar l-ezami ta'l-akkuzat/imputat, imma ma regghax imghata degriet prima facie. Il-Qorti Kriminali qalet hekk:*

> *ġaladarba żdiedet akkuża / imputazzjoni ġdida fuq talba tal-Avukat Ġenerali, mhux biżżejjed li jkun hemm il-prima facie dwar l-akkużi oriġinali ta' meta nbdew il-proċeduri. La reġgħu nqraw l-akkużi mill-ġdid u reġa' sar l-eżami mill-ġdid u l-akkużi inkludew akkuża ġdida, u la l-akkużat seta' jammetti xi akkuża u jgħid li mhux ħati*

[1] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fil-25 ta' Lulju 2016
[2] Fis sentenza datata 13 ta' Lulju 2006.
[3] Fis-sentenza datata 17 ta' Ottubru 2011.

*f'oħrajn jew jammetti kollox jew jgħid li m'hu ħati ta' xejn, isegwi li l-ewwel digriet tal-prima facie mhux biżżejjed. It-tieni digriet ta' prima facie huwa neċessarju għax l-Avukat Ġenerali talab li tidħol akkuża ġdida u issa x-xenarju m'għadux jikkonsisti fl-istess akkuża u l-Qorti trid ukoll tesprimi jekk hemmx prima facie każ li l-imputat għandux jitqiegħed taħt att ta' akkuża fuq l-akkuża l-ġdida wkoll.*

*Illi applikati dawn il-principji li gwidaw il-Qorti Kriminali ghall-kaz in ezami*[4] *isegwi li meta saret il-korrezzjoni waqt l-udjenza mizmuma fid-29 ta' Marzu 2001, u t-tlett imputati flimkien gew akkuzati b'reati bazati fuq fatti li graw f'data differenti minn dik originarjament indikata fic-citazzjoni l-akkuzi kif issa arginati kellhom jergghu jinqraw*[5] *u jigu mahlufa u jerga jsir l-ezami. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-atti tal-kumpilazzjoni jistghu jitqiesu li huma bazati fuq dak li kienet tipprovdi originarjament ic-citazzjoni qabel ma saret il-korrezzjoni. Aktar minn hekk pero, u fi kwalunkwe kaz isegwi ukoll li l-fatt li fiz-zmien rikjest mill-Ligi ma nghatax degriet prima facie jwassal ghan-nullita ta'l-atti kollha tal-kumpilazzjoni b'mod li l-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghhom.*

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddkjara l-atti tal-kumpilazzjoni nulli u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom."*

Din il-Qorti m'ghandhix wisq x'izzid ma' dak appena kkwotat inkwantu taqbel mal-istess u dan aktar u aktar meta fil-kaz odjern ma nghatax id-digriet prima facie kif kien rikjest li jsir. Dan iwassal ghan-nullita' tal-atti tal-kumpilazzjoni u l-fatt li l-imputat wara l-qari tal-artikoli ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u ma ssollevax tali nullita' huwa stess ma jivvalidax dak li huwa null. Lanqas ma jista' jsir dak li gie suggerit mill-prosekuzzjoni li l-process jinbeda mill-gdid u dan billi din il-kawza kienet fi stadju fejn kienet diga' differita ghas-sentenza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-atti tal-kumpilazzjoni nulli u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

---

[4] Din il-Qorti hija konsapevoli li l-artikolu 597 fuq imsemmi huwa wiehed minn sensiela li jirregolaw l-att ta' akkuza, u li s-sentenzi kwotati kienu qed jitrattaw eccezzjonijiet sollevati wara l-hrug ta' att ta' akkuza, pero la darba fihom hemm referenza ghad-degriet *prima facie* u ghal difetti li jgibu n-nullita ta'l-atti tal-kumpilazzjoni din il-Qorti tista' tislet argumenti mill-insenjament tal-Qorti Kriminali.

[5] Il-qari mill-gdid kien iservi ukoll ta' notifika.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat